**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 13 ta' Frar 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 70

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 70 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
70.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
70.5 Rapporti;
70.6 Ħarsa Lejn is-Serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2018;
70.7 Aġġornament dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – CCV 49/17 dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
70.8 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
70.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2018;
70.10 *Zebra Crossing* fi Triq Rokku Buhagiar, il-Qrendi;
70.11 Skema Korsijiet *Lifelong Learning 2018-2019;*
70.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
70.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-70 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:00pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

70.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

70.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

70.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

70.2.1 Il-Minuti tat-68 u d-69 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

70.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti.

70.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 70.3, 70.4 u 70.5 jiġu diskussi wara Minuta 70.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

70.6 **ĦARSA LEJN IS-SERATA TA' ĠIEĦ IL-QRENDI 2018**

70.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2018 saret is-Sibt li għadda, 17 ta' Frar.

70.6.2 Qal li kien hemm konkorrenza tajba mill-pubbliku u qal ukoll li t-telefonati li saru permezz ta' Skype kienu tajbin ukoll.

70.6.3 Spjega kif kemm l-Imħallef Aquilina u anke Dr Falzon ħadu gost ħafna li mhux biss ġew nominati għall-onorifiċenza, imma anke li tkellimna

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

magħhom b'mod dirett waqt is-serata.

70.6.4 Żied li barra dawn kien hemm ukoll il-messaġġ tal-Prim Ministru Dr Joseph Muscat fejn fih feraħ lir-rebbieħ ta' Ġieħ il-Qrendi, l-ex Sindku Carmel Falzon kif ukoll feraħ lill-Kunsill Lokali.

70.6.5 Fl-aħħar nett is-Sindku qal li kien hemm diversi persuni li għoġbithom l-idea ta' kif ħdimna matul l-edizzjoni ta' din is-sena, u allura l-Kunsill Lokali jrid jara u jiddeċiedi jekk jibqax jagħti l-onorifiċenzi fis-snin li ġejjin.

## 70.7 <u>AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CCV 49/17 DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

70.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'Marzu 2018 se jkollna l-permessi kollha f'idejna.

70.7.2 Qal li wara l-aħħar laqgħa bagħtna lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u tlabna parir dwar l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, u konna mitluba sabiex nimxu b'mod normali.

70.7.3 Fisser kif sal-lum diġa' għaddew l-għaxart ijiem li fihom setgħu jsiru l-appelli dwar l-aġġudikazzjoni tat-tenders, imma jidher li ħadd m'appella u allura qegħdin nistennew l-aċċettazzjoni min-naħa tal-kuntrattur li rebaħ dan it-tender sabiex imbagħad nibdew niddiskutu miegħu.

## 70.8 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI</u>

70.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li issa nistgħu verament ngħidu li fl-aħħar dan il-proġett tlesta u l-ATM qiegħda taħdem b'mod regolari.

70.8.2 Qal li fil-bidu sibna ma' wiċċna xi problemi żgħar, imma jidher li issa

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

kollox ġie riżolt u l-ATM qiegħda taħdem b'mod normali.

70.8.3 Fisser kif meta tinqala' xi ħsara u l-ATM ma tkunx qed taħdem kif suppost, id-diriġenti tal-Bank BOV ikunu jafu għaliex is-sistema tippermettilhom li mill-uffiċini tagħhom ikunu jafu x'inhu għaddej, u allura meta jinqala' xi ħaġa huma jiġu mal-ewwel.

70.8.4 Spjega kif saru wkoll is-sinjali taż-żebgħa madwar l-ATM sabiex ikun hemm aktar sigurtà fit-triq.

70.8.5 Żied li issa min-naħa tal-Kunsill Lokali fadal li nagħmlu ftit afforestazzjoni madwar l-ATM, u dan se nkunu qegħdin nagħmluh fil-ġimgħat li ġejjin.

70.8.6 Spjega kif fil-preżent hemm problema bi tliet siġriet partikolari li qegħdin itellgħu t-triq u qegħdin ukoll imissu l-wires tas-sistema, u dawn jistgħu jitneħħew u se jkun qiegħed isir hekk fil-ġimgħat li ġejjin sabiex nevitaw aktar ħsara.

70.8.7 Qal li kien hemm xi residenti li lmentaw li ma jistgħux isiru depożiti f'din l-ATM, imma dawn ma jistgħux isiru minħabba li l-ATM mhijiex installata ġo xi bank, u allura min irid jiddepożita jrid juża' ATM oħra.

70.8.8 Fisser kif mindu tlesta dan il-proġett iż-żona li fiha saret l-ATM ġiet imdawla aktar, u filwaqt li kważi kulħadd qabel li d-dawl qiegħed jgħin sabiex tiżdied is-sigurtà fit-triq u fil-madwar, kien hemm persuna waħda li gergret li d-dawl huwa qawwi ħafna.

## 70.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2018

70.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna ittra fejn fiha konna infurmati li t-talba tagħna sabiex nirċievu għajnuna mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2018 ma ntlaqatx.

70.9.2 Qal li dan kien ta' diżappunt kbir għalina, u jidher li kien hemm Kunsilli Lokali oħra li ma bbenefikawx minn din l-iskema.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

70.9.3 Spjega kif issa l-Kunsill Lokali għandu deċiżjoni quddiemu, dik li jew il-Festival Agrarju tal-Patata jsir xorta waħda, jew inkella li ma jsir xejn minħabba li ma rċevejniex għajnuna.

70.9.4 Fisser kif sa mis-sena li għaddiet bħala Kunsill Lokali konna mifthemin mar-rappreżentanti ta' Comber, l-Irlanda ta' Fuq, li għal din is-sena se nistednuhom għall-Festival Agrarju tal-Patata, kif għamlu huma s-sena li għaddiet, u kif ukoll jista' jkun li jkollna rappreżentanti minn Leeuwarden.

70.9.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li rridu naraw ukoll x'inhu l-baġit tal-Kunsill Lokali għal dan il-Festival.

70.9.6 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jiddeċiedi li dan isir xorta waħda, allura jkollna nnaqqsu ċertu spejjeż u nagħmluh b'inqas pompa milli konna nagħmluh is-soltu.

70.9.7 Qal ukoll li fil-komunikazzjoni li kellu mas-Sur George Abdilla, dan ħareġ bl-idea li għal din is-sena nagħmlu esebizzjoni fotografika li bejn wieħed u ieħor tiġi tiswa madwar €1,000 u jkollna esebizzjoni ta' livell għoli.

70.9.8 Żied li din hija opportunità li rridu naraw jekk inkomplux naħdmu fuqha jew le.

70.9.9 Tkellem ukoll dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu mal-Arts Council Malta għaliex dawn jixtiequ jgħinuna permezz tal-għana matul il-Festival Agrarju tal-Patata.

## 70.10 ***ZEBRA CROSSING* FI TRIQ ROKKU BUHAGIAR, IL-QRENDI**

70.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud ħarġet bi proposta sabiex fi Triq Rokku Buhagiar issir *zebra crossing*.

70.10.2 Qal li rridu niftakru li l-ewwel nett *zebra crossing* ma tistax tkun quddiem rampa ta' garaxx u l-Kunsill Lokali għandu bżonn ir-ritratti

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tal-lok fejn qed tiġi proposta din iż-*zebra crossing* sabiex naraw jekk tkunx tista' ssir.

70.10.3 Għaldaqstant talab lill-Kunsilliera Sant Mifsud biex tħejji l-affarijiet neċessarji skont ix-xewqa tar-residenti li avviċinawha.

70.10.4 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud qalet li din it-talba messna nibagħtuha lil Transport Malta mbagħad naraw xi tkun id-deċiżjoni finali tagħhom.

70.10.5 Is-Sindku wieġeb li l-ewwel din it-talba trid tkun ikkonfermata waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali mbagħad wara tiġi mgħoddija lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

## 70.11 SKEMA KORSIJIET *LIFELONG LEARNING 2018-2019*

70.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li għal sen'oħra nistgħu napplikaw għall-iskema tal-*Lifelong Learning*, wara li rċevejna komunikazzjoni mingħand is-Sa Marie-Jeanne Borg, Assistent Prinċipal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 1/2018 (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*) – Skema – *Korsijiet Lifelong Learning 2018-2019*).**

70.11.2 Qal li fil-preżent il-Kunsill Lokali jorganizza l-korsijiet tal-Monasteru u tal-Bizzilla.

70.11.3 Żied li bħala Kunsill Lokali konna pruvajna napplikaw għal korsijiet oħra imma ma kenux applikaw biżżejjed nies u allura dawn il-korsijiet ġodda ma setgħux isiru.

70.11.4 Qal ukoll li f'din is-sena kellna diżappunt fil-kors tal-Monasteru għaliex il-parteċipanti li għal numru ta' snin dejjem ħadu sehem f'dan il-kors, wara li applikaw iddeċidew li jmorru għand tutor privata, u allura l-klassi spiċċat b'numru żgħir ta' persuni.

70.11.5 Is-Sindku ppropona li għandna nerġgħu napplikaw għall-korsijiet li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għaddejjin bħalissa, jiġifieri l-*Monastery Works* u l-*Maltese Bobbin Lace Making*.

70.11.6 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 70.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

70.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fit-23 u 24 ta' Marzu 2018 ġie mistieden sabiex imur Brussell minħabba li l-Qrendi rebaħ l-unur EDEN.

70.3.1.1 Qal li huwa se jkun qiegħed jingħata *grant* żgħira, u allura l-Kunsill Lokali se jkun hemm bżonn li joħroġ il-bqija tal-ispejjeż.

70.3.1.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ l-ispejjeż li jkun fadal, relatati ma' din iż-żjara.

70.3.1.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

70.3.2 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li qiegħed isir preżentament fiż-żona t'Għajn ix-Xemx u qal li dan suppost jitlesta' fil-jiem li ġejjin.

70.3.2.1 Qal li issa wasalna għall-fażi tal-afforestazzjoni u b'kollox se jitħawlu madwar sittin siġra.

70.3.2.2 Spjega kif probabbli dawn se jiġu jiswew mal-€15-il waħda, imma qegħdin nippruvaw insibu sponsor sabiex ikollna numru sabiħ minnhom li jkunu bla ħlas.

70.3.2.3 Fisser kif bħala Kunsill Lokali hemm il-ħsieb li tkun organizzata attività apposta, kemm mal-istudenti tal-Iskola Primarja u anke ma' dawk taċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller, kif ukoll mal-Parroċċa tal-Qrendi, sabiex nikkommemoraw l-anniversarju tal-400 sena parroċċa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

70.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Triq iċ-Ċimiterju u qal li fil-preżent qegħdin nistennew lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jgħaddu l-kanni tal-ilma u wara nkunu nistgħu nagħtu t-tarmak.

70.3.3.1 Qal li s-siġar li hemm fil-preżent se jinbidlu għaliex għadna bl-istess idea li konna tkellimna dwarha fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali.

70.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-*bus shelters* u Triq it-Tempesta, imma qal li s'issa għadna ma ħadna l-ebda aħbar mingħand Transport Malta.

70.3.5 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċir. AKL 2018/014 – WiFi4EU Sejħa għall-Kunsilli Lokali**.

70.3.5.1 Qal li għalkemm bħala sejħa tidher tajba u tagħmel sens, biss il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jidħol għal spiża rikorrenti kull sena, meta wieħed iqis li fil-preżent il-Qrendi diġa' għandu ħafna żoni li għandhom il-WiFi b'xejn.

70.3.5.2 Ippropona li għalissa jkun aħjar jekk ma nidħlux għal din is-sejħa, liema proposta kienet sekondata mill-Kunsilliera Daniela Farrugia u approvata unanimament mill-Kunsill Lokali.

70.3.6 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċir. AKL 2018/015 – MEUSEC u *Playing Fields***.

70.3.6.1 Qal li meta wieħed iqis kollox, ikun jagħmel sens jekk napplikaw sabiex insebbħu l-Ġnien Dama Cecilia Pick (tal-Warda) minħabba li Ġnien Nicolò Communet se jkun irranġat waqt il-proġett ħolistiku tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid.

70.3.6.2 Qal li l-Ġnien tal-Warda ilu ma jsir tisbiħ fih sa minn meta sar l-ewwel darba, u allura jkun għaqli li nkomplu naraw minn fejn nistgħu nġibu fondi sabiex it-tisbiħ fih ikun l-aħjar possibbli.

70.3.6.3 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

70.3.4 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sa Tania Belfiore, *Regional Coordinator (South)* tal-Fondazzjoni Valletta 2018, bit-titlu ***Solar Cinema* – Proġett Valletta 2018**.

70.3.4.1 Qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali bagħtna e-mail lis-Soċjetajiet u Għaqdiet Qrendin sabiex nagħmlu ċert li fid-dati indikati mhux se jsiru attivitajiet fil-Qrendi.

70.3.4.2 Spjega kif kien hemm min irrisponda, imma għadna qegħdin nistennew xi risposti.

## 70.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

70.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet min-naħa tal-Kunsillieri tal-Kunsill Lokali.

## 70.5 RAPPORTI

70.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li għall-*Buffet Breakfast* attendew 65 persuna u probabbli issa ssir ħarġa kulturali fiż-żminijiet tal-festi tal-Għid.

## 70.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI

70.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €47,379.22 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/18 u €78.18 skont il-*Petty Cash* Ref V/01.

70.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

70.12.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

70.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 70.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

70.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 fis-6pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |